MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2008

Citazzjoni Numru. 613/2007

**Sarah Zammit (ID404079M)**

**vs**

**Giovanni Merola u b'digriet tat-12 ta' Novembru, 2007 is-socjeta' AXA ASSICURAZIONI Spa giet kjamata in kawza.**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-atti tar-rikors** li permezz tieghu r-rikorrenti ssottomettiet:

Illi fit-12 ta' Settembru 2004 l-attrici kienet passiggiera f'vettura tat-tip Jaguar Numru ta' Registrazzjoni BWA 732HB li kienet qed tigi misjuqa mill-konvenut Giovanni Merola, meta l-istess konvenut b'imperizja, traskuragni jew nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku kien responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li permezz tieghu l-attrici sofriet dizabilita' ta' natura permanenti, kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza.

Illi dan l-incident gara fl-autostrada li taghti bejn Taormina u Naxos fi Sqallija, l-Italja.

Illi ghalkemm l-incident gara fi Sqallija, l-konvenut huwa residenti u jiggestixxi negozju hawn Malta.

Illi ghal dan l-incident kien unikament responsabbli l-konvenut Giovanni Merola, u fil-fatt is-socjeta' assikuratrici tieghu AXA Assicurazioni baqghet toffri pagament ghas-saldu lill-attrici izda dan il-pagament ma kienx jissodisfa l-pretenzjoni tal-attrici u din irritornat l-istess immedjatament.

Illi ghalkemm interpellat anki ufficjalment, il-konvenut baqa' inadempjenti.

Ighid ghalhekk il-konvenut ghaliex ghar-ragunijiet premessi, din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

1. Tiddikjara illi l-konvenut huwa responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-attrici bhala rizultat tal-incident awtomobilistiku hawn fuq imsemmi.

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attrici bhala konsegwenza ta' dan l-incident, kompriz id-*damnum emergens* u l-*lucrum cessans,* liema danni ma gewx indennizzati, occorrendo bl-opra ta' periti u esperti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenut, sabiex ihallas lill-attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata in linea ta' danni sofferti mill-attrici b'rizultat tal-incident fuq imsemmi;

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenut li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.
Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;
Rat id-degriet tat 12 ta' Novembru 2007 li bih giet kjamata fil-kawza s-socjeta' AXA Assicurazioni Spa";
Rat in-notifika ta' l-assikurazzjoni u tal-konvenut a fol 18 et seq;
Semghet ix-xhieda bil-gurament;

**Responsabilita'**

Illi ma hemmx kontestazzjoni li l-incident gara unikament tort tal-konvenut Merola minhabba traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti u li fih ir-rikorrenti sofriet disabilita' ta' natura permanenti.

**Danni**

**Damnum Emergens**

Dwar damnum emergens l-attrici pprezentat kopji ta' kontijiet u ricevuti ghall kura medika fl-ammont ta' Lm 460.50 li jidhru li huma gustifikati.

**Lucrum cessans**

Dwar telf ta' qligh jirrizulta dan li gej. Ir-rikorrenti twieldet fis 19 ta' Lulju 1979. Fid-data ta' l-incident hija kellha 25 sena. Hi xehdet li dak iz-zmien hija kienet tahdem bhala chief stewardess fuq multimillion dollar private super yachts barra minn Malta u kienet taqla bejn 2000 u 2500 Euro fix-xahar bhala paga u kienet iddahal bejn 1000 sa 2000 fi gratuities fix-xahar. (ara wkoll nota prezentata fis 7 ta' Novembru 2008). Wara l-incident hija ma setghetx tkompli b'dan ix-xoghol u lanqas biz-zfin li hija kien tipprattika.

In vista tal-fatt li l-impieg tar-rikorrenti ma kienx wiehed fiss u kien jiddependi mill-impieg minn yacht ghall iehor u skond l-istagun, il-Qorti se tiehu bhala paga l-ammont ta' 3000 Euro fix-xahar li jinkludi wkoll il-gratuities.

Skond ic-certifikati medici ezibiti l-attrici qed issofri minn disabilita' permanenti ta' 19%.

Bhala working life capacity il-Qorti se takkordalha 30 sena mehuda in konsiderazzjoni ic-chances u changes in life.

**Kalkolu**

| | | |
|---|---|---|
| **€**3,000 x 12 x 30 | = | €1,080,000.00 |
| 19% dizabilita' | = | € 205,200.00 |
| Lump Sum 20% | = | € 164,160.00 |

**Konkluzzjoni**

| | |
|---|---|
| **Damnum Emergens :** | **€ 1**,072.68 |
| **Lucrum Cessans** | **€**164,160.00 |
| **Total** | **€165,232.68** |

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi;
Il-Qorti tiddeciedi;
Billi tilqa t-talbiet attrici;
Tiddikjara illi l-konvenut responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-attrici bhala rizultat tal-incident awtomobilistiku hawn fuq imsemmi ;
Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attrici bhala konsegwenza ta' dan l-incident, fl-ammont ta' €**165,232.68 ;**
Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici s-somma hekk likwidata;
Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza, kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------